IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.3.2020
COM(2020) 124 final

2020/0048 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Italja biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[1] ("id-Direttiva tal-VAT"), il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jipprevjeni ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fis-26 ta' Lulju 2019, l-Italja talbet awtorizzazzjoni biex, sal-31 ta' Diċembru 2022, tkompli teżenta lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom huwa inqas minn ċertu limitu mill-VAT, kif previst fl-Artikolu 285 tad-Direttiva tal-VAT, li żżid dan il-limitu minn EUR 65 000 għal EUR 100 000 u, b'mod parallel, tapplika skema obbligatorja ta' fatturazzjoni elettronika għall-persuni taxxabbli kkonċernati, u li tgħolli l-livell limitu għall-organizzazzjonijiet volontarji u għall-assoċjazzjonijiet għal avvanz soċjali sa EUR 130 000.

F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tal-Italja permezz ta' ittra bid-data tal-20 ta' Settembru 2019. Permezz ta' ittra bid-data tat-23 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Italja li kellha l-informazzjoni kollha li kienet tqis meħtieġa biex tevalwa t-talba.

Sussegwentement, wara diskussjonijiet informali mas-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni u valutazzjonijiet politiċi ulterjuri fil-livell nazzjonali, l-Italja ddeċidiet li timmodifika t-talba oriġinali tagħha permezz ta' ittra mibgħuta fis-26 ta' Novembru 2019 u rreġistrata mal-Kummissjoni fil-5 ta' Diċembru 2019.

Permezz ta' dik l-ittra, l-Italja talbet biex tirtira t-talba tagħha li jiżdied il-limitu tal-eżenzjoni minn EUR 65 000 għal EUR 100 000, u spjegat li din it-talba kienet ibbażata fuq regola nazzjonali li kienet se titħassar. Minflok, l-Italja esprimiet ix-xewqa tagħha li żżomm il-limitu attwali ta' EUR 65 000, li huwa konformi mal-iskema b'rata fissa għall-kontribwenti fil-qasam tat-taxxi diretti. Barra minn hekk, l-Italja talbet li tirtira t-talba li tikkonċerna l-limitu ta' EUR 130 000 għall-organizzazzjonijiet volontarji u l-assoċjazzjonijiet għal avvanz soċjali, peress li hija marbuta ma' miżuri ta' tassazzjoni diretta li għadhom mhumiex fis-seħħ; L-Italja rriżervat id-dritt li terġa' tippreżenta din it-talba ladarba l-miżuri ġenerali inkwistjoni jidħlu fis-seħħ. Barra minn hekk, wara l-ftehim tal-Istati Membri waqt il-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (ECOFIN) tat-8 ta' Novembru 2019 dwar il-proposta tal-Kummissjoni rigward regoli ġodda ta' simplifikazzjoni fir-rigward tal-VAT għan-negozji ż-żgħar[2], li ġie adottat fit-18 ta' Frar 2020[3] u li se jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025, l-Italja talbet li l-estensjoni tal-miżura ta' deroga tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2024.

F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni, permezz ta' ittra bid-data tal-10 ta' Diċembru 2019, infurmat lill-Istati Membri l-oħra bir-rettifika tat-talba oriġinali li kienet bagħtet l-Italja. Permezz ta' ittra bid-data tal-11 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Italja li kellha l-informazzjoni kollha li kienet tqis meħtieġa biex

---

1 ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

2 Il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud rigward l-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar, COM(2018) 21 final.

3 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar (ĠU L 62, 2.3.2020, p. 13).

tevalwa t-talba.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Skont il-Kapitolu 1 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri jistgħu japplikaw skema speċjali għall-impriżi żgħar, li tinkludi l-possibbiltà li jeżentaw lil persuni taxxabbli li ma jkunux jaqbżu ċertu fatturat annwali mill-VAT. Il-persuni taxxabbli li jaqgħu taħt din l-eżenzjoni ma għandhomx għalfejn jimponu l-VAT fuq il-provvisti tagħhom u b'hekk ma jistgħux inaqqsu l-VAT fuq l-inputs tagħhom.

Il-possibbiltà li jiġu applikati regoli speċjali tal-VAT inklużi eżenzjonijiet jew ħelsien mit-taxxa gradwat għall-impriżi żgħar, ġiet introdotta għall-ewwel darba mill-Artikolu 14 tad-Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE[4]. Skont l-Artikolu 24(2)(b) tad-Direttiva 77/388/KEE[5], li issa tfassal mill-ġdid bħala l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 285 tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri li ma użawx l-għażla prevista f'dik id-dispożizzjoni, wara setgħu jeżentaw mill-VAT biss lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx aktar minn EUR 5 000 jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali.

L-Italja qatt ma għamlet użu mill-għażla prevista fl-Artikolu 14 tad-Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE. Fl-2007, talbet awtorizzazzjoni biex tidderoga mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 285, billi teżenta mill-VAT lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx EUR 30 000. Dik it-talba nibtet mill-istruttura ekonomika Taljana, li fil-biċċa l-kbira hija magħmula minn intrapriżi mikro b'numru żgħir ħafna ta' impjegati, u mix-xewqa tal-Italja li tissimplifika l-obbligi tal-VAT għan-negozji ż-żgħar u li tiffaċilita l-ġbir tal-VAT għall-amministrazzjoni tat-taxxa nazzjonali. Il-miżura ta' deroga ġiet awtorizzata sal-31 ta' Diċembru 2010, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/737/KE[6]. Il-miżura kellha karattru fakultattiv, li tippermetti lin-negozji ż-żgħar jagħżlu l-arranġamenti normali tal-VAT.

Sussegwentement, l-Italja ġiet awtorizzata testendi d-data ta' skadenza tal-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2013, bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/688/UE[7], imbagħad sal-31 ta' Diċembru 2016, bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/678/UE[8], li żiedet ukoll il-limitu massimu ta' eżenzjoni minn EUR 30 000 għal EUR 65 000, u fl-aħħar nett sal-31 ta' Diċembru 2019, bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1988[9].

---

4 It-Tieni Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE tal-11 ta' April 1967 dwar l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri dwar it-taxxi fuq il-fatturat minn negozju – L-istruttura u l-proċeduri għall-applikazzjoni tas-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 71, 14.4.1967, p. 1303).

5 Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-taxxi fuq il-valur tal-bejgħ — sistema Komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1).

6 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/737/KE tal-15 ta' Settembru 2008 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tapplika miżura li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 249, 18.09.2008, p. 13).

7 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/688/UE tal-15 ta' Ottubru 2010 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 294, 12.11.2010, p. 12).

8 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/678/UE tal-15 ta' Novembru 2013 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 316, 27.11.2013, p. 35).

9 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1988 tat-8 ta' Novembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/678/UE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tkompli

It-talba preżenti (riveduta) mill-Italja biex tittawwal aktar id-data ta' skadenza tal-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2024, mingħajr ma jiżdied il-limitu attwali ta' EUR 65 000 (jew kwalunkwe valur ogħla li huwa ekwivalenti għal dak il-limitu f'termini reali), hija bbażata fuq l-istess raġunijiet bħal dawk ippreżentati fit-talbiet preċedenti.

L-Italja ssostni li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u b'mod partikolari l-intrapriżi mikro, għandhom rwol predominanti fis-settur ekonomiku tan-negozju mhux finanzjarju tal-pajjiż, kemm f'termini ta' valur miżjud kif ukoll ta' impjiegi. Minħabba l-ispejjeż sproporzjonati marbuta mal-konformità tal-VAT li dawn in-negozji jġorru meta mqabbla ma' intrapriżi kbar, u minħabba l-fatt li għadhom affettwati mill-kriżi ekonomika, l-Italja tiddikjara li l-miżura ta' deroga tikkostitwixxi inċentiv sinifikanti għall-bidu ta' negozju u għall-konsolidazzjoni tal-attività ekonomika tagħhom.

F'dan ir-rigward, huwa enfasizzat li l-impatt tal-miżura ta' deroga fuq id-dħul mit-taxxa miġbur fl-istadju tal-konsum finali se jkun negliġibbli, filwaqt li l-impatt tiegħu se jkun sinifikanti f'termini ta' simplifikazzjoni kemm tal-obbligi tat-taxxa tal-persuni taxxabbli kkonċernati kif ukoll tal-proċedura għall-ġbir tal-VAT għall-amministrazzjoni tat-taxxa. Ta' min jinnota li l-miżura tolqot 1 332 000 persuna taxxabbli, li jikkostitwixxu 25 % tal-persuni taxxabbli potenzjalment eliġibbli. L-Italja tistma li l-ammont totali ta' tnaqqis tad-dħul huwa ta' EUR 385,7 miljun.

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Italja, jidher li l-għan tat-talba biex tiġi estiża l-miżura ta' deroga huwa li teħles lin-negozji ż-żgħar minn ħafna mill-obbligi tal-VAT taħt l-arranġamenti normali tal-VAT kif ukoll li jitnaqqas il-piż tal-amministrazzjoni tat-taxxa f'termini tal-ġbir tat-taxxa u l-awditjar tan-negozji ż-żgħar. Dan jista' jippermetti lill-amministrazzjoni tat-taxxa tiffoka l-attivitajiet ta' kontroll tagħha lejn persuni taxxabbli aktar importanti. Għalhekk, il-miżura ta' deroga tikkonforma mal-objettivi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 395(1) tad-Direttiva tal-VAT li jippermetti lill-Istati Membri jintroduċu miżuri speċjali li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tagħha biex jissimplifikaw il-proċedura tal-ġbir tal-VAT. F'dan il-kuntest, qed jiġi mtenni li l-miżura hija u se tibqa' fakultattiva għall-persuni taxxabbli, li jistgħu wkoll jagħżlu l-arranġamenti normali tal-VAT.

Kif muri mill-Italja, il-miżura ta' deroga mhijiex mistennija li taffettwa b'mod sinifikanti l-ammont globali tad-dħul mit-taxxa tagħha miġbur fl-istadju tal-konsum finali u lanqas li taffettwa ħażin ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jakkumulaw mill-VAT. Għalhekk, il-miżura ta' deroga jidher li hija f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(1) tad-Direttiva tal-VAT.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u peress li l-qafas legali tal-UE u s-sitwazzjoni fattwali baqgħu l-istess, l-estensjoni mitluba tad-data ta' skadenza tal-miżura ta' deroga tidher li hija ġġustifikata. Għaldaqstant, qed jiġi propost li t-talba tal-Italja tintlaqa'.

Normalment, id-derogi jingħataw għal perjodu ta' żmien limitat biex ikun jista' jiġi vvalutat jekk il-miżura ta' deroga tibqax adegwata u effettiva. Barra minn hekk, kif issemma qabel, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva tal-VAT dwar skema speċjali għall-impriżi żgħar għadhom kemm ġew rieżaminati. Id-direttiva l-ġdida dwar regoli tal-VAT aktar sempliċi għal impriżi żgħar[10] tirrikjedi li l-Istati Membri, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024, jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet

---

tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 306, 15.11.2016, p. 11).

[10] Ara n-nota 3 f'qiegħ il-paġna.

amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mar-regoli l-ġodda. L-Istati Membri ser ikollhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet nazzjonali mill-1 ta' Jannar 2025.

Għalhekk, jixraq li l-Italja tiġi awtorizzata tapplika l-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2024. Madankollu, peress li l-Kummissjoni se tadotta d-deċiżjoni li tawtorizza l-miżura ta' deroga wara l-iskadenza tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1988 (jiġifieri wara l-31 ta' Diċembru 2019), din il-proposta ma tistax ittawwal id-data ta' skadenza tal-miżura ta' deroga awtorizzata b'dik id-deċiżjoni.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-miżura ta' deroga hija konformi mal-filosofija tad-direttiva l-ġdida li temenda l-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva tal-VAT dwar skema speċjali għall-impriżi ż-żgħar, adottata fit-18 ta' Frar 2020, li rriżultat mill-pjan ta' azzjoni tal-VAT[11], u għandha l-għan li toħloq skema moderna u simplifikata għal dawk in-negozji. B'mod partikolari, għandha l-għan li tnaqqas il-kostijiet tal-konformità mal-VAT u d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fil-livell domestiku u fil-livell tal-UE, tnaqqas l-impatt negattiv tal-effett tal-livell limitu u tiffaċilita kemm il-konformità tan-negozju kif ukoll il-monitoraġġ mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa.

Barra minn hekk, il-limitu ta' EUR 65 000 huwa konsistenti mad-Direttiva l-ġdida, sa fejn jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu l-limitu tal-fatturat annwali meħtieġ għal eżenzjoni mill-VAT f'livell mhux ogħla minn EUR 85 000 (jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali).

Stati Membri oħra ngħataw derogi simili li jeżentaw mill-VAT lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom huwa inqas minn ċertu livell limitu, kif previst fl-Artikolu 285 tad-Direttiva tal-VAT. Malta[12] ngħatat livell limitu ta' EUR 20 000; in-Netherlands[13] ingħataw livell limitu ta' EUR 25 000; il-Lussemburgu ngħata livell limitu ta' EUR 35 000[14]; il-Polonja[15], l-Estonja[16] u l-Latvja[17] ngħataw livell limitu ta' EUR 40 000; il-Kroazja[18] u l-

---

11 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar pjan ta' azzjoni dwar il-VAT – Lejn żona unika tal-VAT fl-UE – Iż-żmien biex niddeċiedu COM(2016) 148 final.

12 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/279 tal-20 ta' Frar 2018 li tawtorizza lil Malta biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 54, 24.2.2018, p. 14).

13 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1904 tal-4 ta' Diċembru 2018 li tawtorizza lin-Netherlands jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 310, 6.12.2018, p. 25).

14 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2210 tad-19 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/677/UE li tawtorizza lil-Lussemburgu biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 332, 23.12.2019, p. 155).

15 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1919 tal-4 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2009/790/KE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 311, 7.12.2018, p. 32).

16 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/563 tal-21 ta' Marzu 2017 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Estonja biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 80, 25.3.2017, p. 33).

17 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2408 tat-18 ta' Diċembru 2017 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 342, 21.12.2017, p. 8).

18 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1768 tal-25 ta' Settembru 2017 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Kroazja tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 250, 28.9.2017, p. 71).

Litwanja[19] ngħataw livell limitu ta' EUR 45 000; l-Ungerija ngħatat livell limitu ta' EUR 48 000[20]; is-Slovenja[21] ngħatat livell limitu ta' EUR 50 000; u r-Rumanija[22] ngħatat livell limitu ta' EUR 88 500.

Kif issemma diġà, id-derogi mid-Direttiva tal-VAT jenħtieġ li jkunu dejjem limitati fiż-żmien biex l-effetti tagħhom ikunu jistgħu jiġu vvalutati. L-estensjoni tad-data ta' skadenza tal-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2024, kif mitluba mill-Italja, hija allinjata mar-rekwiżiti tad-Direttiva l-ġdida dwar regoli tal-VAT aktar sempliċi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Din id-direttiva tipprevedi l-1 ta' Jannar 2025 bħala d-data li fiha l-Istati Membri jkollhom japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali, li huma obbligati jadottaw sabiex jikkonformaw magħha.

Għalhekk, il-miżura proposta hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT.

Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Fil-programmi ta' ħidma annwali tagħha, il-Kummissjoni kienet qed tenfasizza b'mod konsistenti l-ħtieġa għal regoli aktar sempliċi għall-intrapriżi ż-żgħar. F'dan ir-rigward, il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2020[23] jirreferi għal "*Strateġija ddedikata għall-SMEs li se tagħmilha aktar faċli biex in-negozji żgħar u medji joperaw, jikbru u jespandu*". Il-miżura ta' deroga hija f'konformità ma' tali objettivi, f'dak li għandu x'jaqsam mar-regoli fiskali. Hija notevolement konsistenti mal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2017[24], li rrefera speċifikament għall-VAT, hekk kif indika l-piż amministrattiv tal-konformità tal-VAT għan-negozji żgħar huwa għoli u li l-innovazzjonijiet tekniċi joħolqu sfidi ġodda għall-ġbir effettiv tat-taxxa u enfasizza l-ħtieġa li l-VAT tiġi ssimplifikata għall-kumpaniji iżgħar.

Bl-istess mod, il-miżura hija konsistenti mal-istrateġija tas-suq uniku tal-2015[25] li fiha l-Kummissjoni ħadmet biex tgħin lin-negozji żgħar u ta' daqs medju jikbru, fost l-oħrajn billi jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi li ma jħalluhomx jisfruttaw għalkollox is-suq uniku. Issegwi wkoll il-filosofija tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2013 dwar il-"Pjan ta' Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020: Tkebbis mill-ġdid tal-ispirtu tal-intraprendenza fl-

---

19 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1853 tal-10 ta' Ottubru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2011/335/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja sabiex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 265, 14.10.2017, p. 15).

20 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1490 tat-2 ta' Ottubru 2018 li tawtorizza lill-Ungerija biex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 252, 8.10.2018, p. 38).

21 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1700 tas-6 ta' Novembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/54/UE li tawtorizza lir-Repubblika tas-Slovenja biex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 285, 13.11.2018, p. 78).

22 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1855 tal-10 ta' Ottubru 2017 li tawtorizza lir-Rumanija tapplika miżura speċjali ta' deroga għall-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 265, 14.10.2017, p. 19).

23 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2020 - Unjoni li tirsisti għal iktar (COM(2020) 37 final).

24 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2017 (COM(2016) 710 final).

25 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Naġġornaw is-Suq Uniku: opportunitajiet aktar għaċ-ċittadini u għan-negozji (COM(2015) 550 final).

Ewropa"[26], li tenfasizza l-ħtieġa li tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni tat-taxxa għan-negozji ż-żgħar.

Fl-aħħar nett, il-miżura tikkonforma mal-politiki tal-UE dwar l-impriżi żgħar u medji kif stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-2016 favur in-Negozji l-ġodda[27] u fil-Komunikazzjoni tal-2008 "'Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir' - 'Att dwar in-Negozji ż-Żgħar' għall-Ewropa"[28], li stiednu lill-Istati Membri biex iqisu l-karatteristiċi speċjali tal-SMEs meta jfasslu l-leġiżlazzjoni u jissimplifikaw l-ambjent regolatorju eżistenti.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT huwa l-unika bażi ġuridika possibbli.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-proposta hija fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru fuq talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hi proporzjonata mal-għan li għandu jintlaħaq, jiġifieri s-simplifikazzjoni tal-ġbir tat-taxxi għall-persuni taxxabbli żgħar u għad-dipartiment tat-taxxa.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, huwa possibbli li tingħata deroga mir-regoli komuni tal-VAT biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument xieraq minħabba li tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

---

[26] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Pjan ta' Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020: Tkebbis mill-ġdid tal-ispirtu tal-intraprendenza fl-Ewropa (COM(2012) 795 final).

[27] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-mexxejja li Jmiss tal-Ewropa: L-Inizjattiva favur in-Negozji l-ġodda u n-Negozji li qed jespandu **(**COM(2016) 733 final**)**.

[28] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa (COM(2008) 394 final).

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma saret l-ebda konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Il-proposta attwali hija bbażata fuq talba li saret mill-Italja u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru partikolari.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill għandha l-għan li testendi miżura għas-simplifikazzjoni li telimina ħafna mill-obbligi tal-VAT għan-negozji li joperaw b'fatturat annwali ta' mhux aktar minn EUR 65 000. Dan jista' jkollu impatt pożittiv potenzjali fuq it-tnaqqis tal-piż amministrattiv għal madwar 1 332 000 negozju żgħir (li jammonta għal 25 % tal-persuni taxxabbli potenzjalment eliġibbli) fl-2017 kif ukoll għall-amministrazzjoni tat-taxxa. Il-miżura ta' deroga hija u se tibqa' fakultattiva għall-persuni taxxabbli. Il-persuna taxxabbli xorta se jkunu jistgħu jagħżlu l-arranġamenti regolari tal-VAT skont l-Artikolu 290 tad-Direttiva 2006/112/KE. L-impatt baġitarju f'termini ta' dħul mill-VAT għall-2019 huwa stmat mill-Italja għal EUR 385,7 miljun, li huwa kkunsidrat bħala negliġibbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Il-proposta mhux se jkollha impatt negattiv fuq il-baġit tal-UE peress li l-Italja se twettaq kalkolu ta' kumpens skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE EURATOM) 1553/89.

2020/0048 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Italja biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[29], u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE, l-Istati Membri li ma użawx l-għażla skont l-Artikolu 14 tat-Tieni Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE[30] jistgħu jeżentaw mit-taxxa fuq il-valur miżjud ("VAT") lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx aktar minn EUR 5 000 jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali.

(2) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2008/737/UE[31], l-Italja ġiet awtorizzata tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE ("il-miżura ta' deroga"), biex teżenta mill-VAT lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma qabiżx it-EUR 30 000. Il-miżura ta' deroga ġiet awtorizzata sal-31 ta' Diċembru 2010.

(3) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/688/UE[32], l-Italja ġiet awtorizzata tkompli tapplika l-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2013.

(4) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/678/UE[33], l-Italja ġiet awtorizzata tkompli tapplika l-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2016. Il-limitu tal-fatturat annwali żdied għal EUR 65 000.

(5) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1988[34], il-validità tal-awtorizzazzjoni biex tiġi applikata miżura ta' deroga ġiet estiża sal-31 ta'

---

29 ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

30 It-Tieni Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE tal-11 ta' April 1967 dwar l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri dwar it-taxxi fuq il-fatturat minn negozju – L-istruttura u l-proċeduri għall-applikazzjoni tas-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 71, 14.4.1967, p. 1303/67).

31 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/737/KE tal-15 ta' Settembru 2008 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tapplika miżura li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 249, 18.9.2008, p. 13).

32 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2010/688/UE tal-15 ta' Ottubru 2010 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 294, 12.11.2010, p. 12).

33 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/678/UE tal-15 ta' Novembru 2013 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 316, 27.11.2013, p. 35).

34 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1988 tat-8 ta' Novembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/678/UE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tkompli

Diċembru 2019, jew sad-dħul fis-seħħ ta' direttiva li temenda l-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar skema speċjali għall-impriżi ż-żgħar, skont liema waħda tiġi l-ewwel. Fit-18 ta' Frar 2020, il-Kunsill adotta d-Direttiva (UE) 2020/285[35] li temenda l-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar.

(6) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fis-26 ta' Lulju 2019, l-Italja talbet awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika l-miżura ta' deroga wara l-31 ta' Diċembru 2019 kif ukoll biex iżżid il-limitu u twessa' l-ambitu tal-eżenzjoni.

(7) Permezz tal-ittra bid-data tal-20 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, bit-talba li għamlet l-Italja. Permezz ta' ittra bid-data tat-23 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Italja li hija kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.

(8) L-Italja mmodifikat it-talba tagħha permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-5 ta' Diċembru 2019, fejn talbet biss l-awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika l-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2024.

(9) Permezz tal-ittra bid-data tal-10 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, bit-talba riveduta tal-Italja. Permezz ta' ittra bid-data tal-11 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Italja li hija kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba riveduta.

(10) Mill-informazzjoni pprovduta mill-Italja, jidher li r-raġunijiet għall-miżura ta' deroga għadhom fil-biċċa l-kbira l-istess. Il-miżura ta' deroga tnaqqas il-piż amministrattiv u l-kostijiet tal-konformità kemm għall-impriżi żgħar kif ukoll għall-awtoritajiet tat-taxxa u għalhekk tgħin biex tissimplifika l-proċedura għall-ġbir tal-VAT.

(11) Il-miżura ta' deroga hija u se tibqa' fakultattiva għall-persuni taxxabbli. Il-persuna taxxabbli xorta se jkunu jistgħu jagħżlu l-arranġamenti regolari tal-VAT skont l-Artikolu 290 tad-Direttiva 2006/112/KE.

(12) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Italja, il-miżura ta' deroga se jkollha effett negliġibbli biss fuq l-ammont globali tad-dħul mill-VAT tal-Italja miġbur fl-istadju tal-konsum finali.

(13) Il-miżura ta' deroga mhix se taffettwa b'mod negattiv lir-riżorsi proprji tal-Unjoni mill-VAT minħabba li l-Italja se twettaq kalkolu tal-kumpens skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, EURATOM) Nru 1553/89[36].

(14) Minħabba l-impatt potenzjalment pożittiv tal-miżura ta' deroga bit-tnaqqis tal-piż amministrattiv u tal-kostijiet tal-konformità għan-negozji żgħar u għall-awtoritajiet tat-

---

tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 306, 15.11.2016, p. 11).

[35] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar (ĠU L 62, 2.3.2020, p. 13).

[36] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9).

taxxa, u n-nuqqas ta’ xi impatt kbir fuq id-dħul totali ġġenerat mill-VAT, jenħtieġ li l-Italja tiġi awtorizzata tkompli tapplika l-miżura ta’ deroga għal perjodu ulterjuri.

(15) Jenħtieġ li l-estensjoni tal-awtorizzazzjoni biex tiġi applikata l-miżura ta’ deroga, tkun limitata fiż-żmien. Jenħtieġ li l-limitu ta’ żmien ikun biżżejjed biex tkun tista’ ssir evalwazzjoni tal-effettività u l-adegwatezza tal-livell limitu. Barra minn hekk, skont id-Direttiva (UE) 2020/285, sal-31 ta’ Diċembru 2024, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw mal-Artikolu 1 ta’ dik id-Direttiva, u għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta’ Jannar 2025. Għalhekk, jixraq li l-Italja tiġi awtorizzata tapplika l-miżura ta’ deroga sal-31 ta’ Diċembru 2024.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B’deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE, l-Italja hija awtorizzata li teżenta mill-VAT persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx aktar minn EUR 65 000.

L-Italja tista’ żżid dak il-limitu sabiex iżżomm il-valur tal-eżenzjoni f’termini reali.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2024.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President